



## Ilment fuq amministrazzjoni ħażina

Jekk jogħġbok aqra sew is-sezzjoni bit-titlu "Kif tilmenta" qabel ma timla l-formola dwar ilment.

Jekk jogħġbok kompli fuq karta separata jekk ikun neċċessarju u ehmeż id-dokumenti kollha li huma meħtieġa biex isostnu l-ilment tiegħek.

1

- Isem: .....
- Kunjom: .....
- F'isem (jekk applikabbli): .....
- Indirizz (Linja Numru 1): .....
- Indirizz (Linja Numru 2): .....
- Belt/Raħal: .....
- Kodiċi Postali: .....
- Pajjiż: .....
- Nazzjonaliità: .....
- Tel: .....
- E-mail: .....

2

Kontra liema istituzzjoni jew korp ta'l-Unjoni Ewropea (UE) tixtieq tilmenta?

- Il-Parlament Ewropew
- Il-Kunsill ta'l-Unjoni Ewropea
- Il-Kummissjoni Ewropea
- Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (\*)
- Il-Qorti Ewropea ta'l-Audituri
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
- Il-Kumitat tar-Reġjuni ta'l-Unjoni Ewropea
- Il-Bank Ewropew għall-Investiment
- Il-Bank Ċentrali Ewropew
- L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)
- L-Uffiċċju Ewropew ta'Kontra l-Frodi (OLAF)
- L-Uffiċċju tal-Pulizija Ewropea (Europol)
- Korpi oħra ta'l-Unjoni (jekk jogħġbok speċifika)

(\*) Ħlief fi r-rwol ġudizzjarju tagħha

3

Liema hi d-deċiżjoni jew kwistjoni li fuqha tixtieq tilmenta? Meta sirt taf biha?

4

F`hiex taħseb li żabaljat l-istituzzjoni jew korp tal-UE?

# 5

Fl-opinjoni tiegħek, x'għandha tagħmel l-istituzzjoni jew korp biex issolvi din il-kwistjoni?

# 6

Inti diġà kkuntattajt lill-UE jew korp ta'l-Unjoni kkonċernat bl-iskop li tingħata rimedju?

Din hija kundizzjoni obbligatorja biex ilment ikun ammissibbli. Prova li tkun ikkuntattajt l-istituzzjoni jew il-korp rilevanti biex tfitteż rimedju trid tkun annessa mal-formola tal-ilmenti. Inkella, se tiġi infurmat(a) li ma nistgħux nindirizzaw l-ilment tiegħek.

- Iva (jekk jogħġbok speċifika)
- Le

# 7

Jekk l-ilment huwa dwar relazzjonijiet ta'xogħol ma'l-UE u korpi ta'l-Unjoni: int użajt il-possibilitajiet kollha li hemm għal talbiet u lmenti amministrattivi interni kif hemm imniżżeż fi r-regolamenti ta'l-istaff? Jekk iva, il-limitu ta'żmien għat-tweġibet mill-istituzzjonijiet ġa skada?

- Iva (jekk jogħġbok speċifika)
- Le

# 8

Is-suġġett ta'l-ilment tiegħek ġa ġie deċiż minn xi qorti jew għadu pendent quddiem xi qorti?

- Iva (jekk jogħġbok speċifika)
- Le

# 9

Inti taqbel li l-ilment tiegħek jitwassal lil xi instituzzjoni jew korp ieħor (Ewropea jew nazzjonali), jekk l-Ombudsman Ewropew jiddeċiedi li hu mhux intitolat li jittrattah?

- Iva
- Le

Data:

## **Nota ta' informazzjoni dwar l-iproċessar u l-kunfidenzjalità tad-data**

### Iproċessar tad-data

L-ilmenti lill-Ombudsman u l-korrespondenza relatata ta' sikwit ikun fihom data personali, bħal ismijiet, dettalji ta' kuntatt u informazzjoni oħra relatata ma' individwi identifikabbi.

Hemm drittijiet u obbligi taħt il-liggi Ewropea (Regolament 2018/1725) dwar kif id-data personali tiġi ġestita mill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż l-Ombudsman Ewropew. Dawn jinkludu d-dritt ta' individwu li jikseb aċċess għall-informazzjoni tiegħu jew tagħha stess miżumma minn dan l-Uffiċċju. Biex teżerċita dawn id-drittijiet jew biex issir taf aktar, jekk jogħbok ikkuntattja lill-Uffiċċju tagħna għall-Protezzjoni tad-Data.

Jekk persuna tikkunsidra li l-Ombudsman ma ġġestixx id-data personali tagħha sew, din il-persuna tista' tikkuntattja lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

### Kunfidenzjalità tal-ilment u tal-informazzjoni tiegħek

L-ilmentaturi huma mitlubin jidentifikaw b'mod ċar kwalunkwe dokument jew informazzjoni li huma jikkunsidraw kunfidenzjali minnufihi meta jibagħtuhom lill-Ombudsman.

Il-kunfidenzjalità tista' tapplika biss jekk ikun hemm xi effett avvers li kieku l-informazzjoni kellha tiġi żvelata. Tista', pereżempju, tapplika għal informazzjoni finanzjarja, informazzjoni kummerċjalment sensitiva jew informazzjoni personali dwar individwu privat. Il-kunfidenzjalità ma tistax tiġi ggħarrta dejjem. B'mod partikolari, jekk tippreżenta dokumenti lill-Ombudsman li fihom id-data personali ta' xi ħadd iżda li mhumiex tiegħek, dik il-persuna wiśq probabbli li ser tkun tista' tiksiba mingħand l-Ombudsman, filwaqt li teżerċita d-drittijiet ta' protezzjoni tad-data tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandek tistenna li l-ilment u kwalunkwe dokument ta' appoġġ tiegħek jiġu kondiviżi b'mod shiħi mal-istituzzjoni jew mal-korp li inti qed tagħmel ilment dwaru, sabiex huma jkunu jistgħu jifhmuh bis-shiħi u jirrispondu lill-Ombudsman.